**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 22 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Jean (Jean Pierre) Schembri, detentur tal-karta tal-identità 201577M**

***Kumpilazzjoni Nru. 168/2013***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Jean (Jean Pierre) Schembri u ċioè talli:

Nhar it-18 ta' Frar, 2013, għall-ħabta ta' nofsinhar nieqes kwart ta' filgħodu (11:45hrs) ġewwwa Vjal il-Labour, Naxxar:

1. B'xi mod attakka jew għamel resistenza fuq Roderick Pace bħala gwardjan lokali G551 waqt il-qadi ta' dmiru u dan ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap. 389;
2. Bi vjolenza u theddid ġiegħel lil Roderick Pace bħala gwardjan lokali G551 uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini tal-artikolu 91 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9;
3. Inġurja jew hedded jew ghamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioe` lil Roderick Pace bħala gwardjan lokali G551 waqt li kien jagħmel jew

minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuq kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiex vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, Roderick Pace bħala gwardjan lokali G551 fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u ċioè offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Roderick Pace bħala gwardjan lokali G551;

6. Fl-istess post, data u ħin bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Roderick Pace bħala gwardjan lokali G551 weġġgħu bi kliem, b'ġesti jew b'xi mod ieħor ai termini tal-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni jew b'xi mod li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika u dan bi ksur tal-artikolu 338bb tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 249 [sic] tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara il ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, nhar id-9 ta' Awwissu, 1994, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-**Ispettur Josric Mifsud** xehed kif gwardjan G551, Roderick Pace, mar jaghmel rapport l-Ghassa li kien gie aggredit u dan kellu feriti

f'wiccu fejn ntbghat l-isptar sabiex jigi kkurat.[1] Meta kien tkellem ma Schembri dan kien qallu li meta mar biex ikellem lill-gwardjan kien il-gwardjan li hatfu izda *"Schembri ma kien fl-ebda hin kapaci jispjega kif il-warden spicca bid-daqqiet fuq rasu u fuq wiccu, filfatt sussegwentement ...., gibna wkoll kopja tal-footage tal-Bank ....u fil-kors filfatt jidher is-Sur Schembri hiereg b'rankatura fuq fejn hemm il-warden."*[2] L-ufficjal prosekutur kien anke esebixxa cctv footage mehud mill-Banif Bank.[3]

In kontro-ezami l-Ispettur Mifsud jikkonferma li l-ewwel li wasal l-ghassa[4] kien l-imputat li anke kellu daqqa fuq xofftu.[5] Ikkonferma wkoll li kien ircieva kwerela sabiex jittiehdu passi fil-konfront ta' Pace izda mill-investigazzjonijiet kondotti minnu, kien u baqa' tal-fehma (sa meta rega' xehed f' Jannar 2016[6]), li passi kellhom jittiehdu biss fil-konfront ta' Schembri. Rimarka f'waqta' tal-ispettur kienet dik li kieku d-difiza hasset li ma kienux ittiehdu proceduri kontra Pace ingustament, din kellha rimedji ohra izda li ma utilizatthomx. Hawnhekk l-Ispettur kien qed jirriferi ghal procedura ai termini tal-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali.[7] Fil-fatt l-Ispettur Mifsud jghid x'wassal sabiex ikun l-imputat li gie akkuzat u mhux Pace: *"ahna hassejna li kien hemm provi bizzejjed kontra Jean Pierre Schembri u ma kellniex bizzejjed kontra l-Warden Pace[8].... ahna li rajna kien hemm vettura, ma niftakarx x'ghamla kienet, kienet qeghda pparkjata quddiem, ftit il'boghod mill-entratura tal-Bank. Niftakar li kont rajt lil Warden mar hemmhekk biex jaghti t-ticket, jidher li qed javvicina l-vettura, u li rajna li llum mbaghad sirna nafu li kien Jean Pierre Schembri li hareg dritt ghal fuqu. ........ Jiena mexxejt fuq il-verzjonijiet li tawni huma u milli stajt nara mbaghad mill-footage kif gie l-footage quddiemi... fil-footage l-kollutazzjoni ma tidhirx pero d-demeanor taz-zewg persuni u l-persuna sejra dritt ghal fuq il-Warden kienet tidher, issa x'gara ezatt imbaghad minn dak l-istadju l'quddiem kif nerga nghid qieghed barra mill-camera".*[9] Ix-xhud esebixxa certifikat mediku dwar l-imputat li ukoll jinghad li soffra griehi hfief; mic-certifikat esebit jirrzulta li kien hemm *"tenderness over right maxilla, occipital headache u abrasion over right naso labial fold*"[10] (bejn l-imnieher u l-hugbejn. Griehi ferm u ferm izghar minn dawk li garrab Pace.

Illi **Sandra Sammut Alessi** kkonfermat li l-parte leza kien impjegat bhala gwardjan lokali.[11]

---

[1] Fol.38
[2] Fol.39
[3] Fol.44. Vide ukoll xhieda ta' John Valenzia a fol.72
[4] Fol.148
[5] Fol.112
[6] Fol.150
[7] Fol.150
[8] Fol.149
[9] Fol.151
[10] Fol.160
[11] Fol.42

Illi **Dr Simon Aquilina,** li ezamina lil Pace gewwa l-B'Kara Health Centre fil-12:40hrs (madwar siegha wara li sehh l-incident lamentat), ikkonferma ic-cetifikat mahrug minnu[12] u spjega l-griehi li kien garrab Pace: *"demm maghqud fin-nostrils specjalment tax-xellug pero anki fuq il-lemin. Kien muguh ukoll fuq l-ghadma ta bejn l-imnieher u l-halq, kellu grif hafif fuq il-widna fuq il-parti ta wara tan-naha tax-xellug u kellu nagra nefha fuq ix-xoffa tan-naha t'isfel u fuq in-naha tax-xellug."*[13]

Illi gie esebit certifikat mediku tal-parte leza mahrug minn **Dr James Borg** peress li Pace kien intbghat l-Emergenza ghal *x-ray* tal-wicc.[14] Fix-xhieda tieghu Dr Borg jispjega li meta ezamina lil Pace *"kellu xi nefha fuq imniehru, kellu contusion fuq il-lower lip, ix-xoffa ta taht u xi ftit minor abbrasions fuq in-naha ta gewwa tal-imnieher. Mill-X Rays li ttiehdulu ma weriex li kien hemm la fracture tal-facial bones u lanqas tal-ghadam tal-imnieher."*. Jishaq li dawn il-feriti kienu kompatibbli ma daqqa ta' ponn fil-wicc.[15]

Illi **Roderick Pace** xehed li kien ilu gwardjan lokali ghal sitt snin u ta rendikont ta' dak li sehh hekk kif *"Ktibt it-ticket u hareg it-ticket u kif hareg it-ticket ezatt gie hu"*[16] ikompli jispjega li *"**kont qed naghti citazzjoni x'hin hadtlu r-ritratt** u kien corner u tajtu c-citazzjoni gie Mr Jean Pierre Schembri u hebb ghalija... Gie jhebb ghalija, qalli x'qed taghmel? Kemm int kiesah? Gbajt taqbad mieghi. Issa dan kemm sempliciment tajtu citazzoni jigifieri dan xejn izjed, imbaghad gie jhebb ghalija u mort l-ghassa ghax kelli d-demm f'wicci. ... Zammni minn wara u tani daqqa ta ponn f'wicci..... Qalli kemm int kiesah, qabadni minn wara, ezatt **qabadni minn wara, u beda jaghtini daqqiet ta ponn**.... Jghajjarni jghidli kemm int kiesah ...... **Tani daqqa ta ponn, zammni minn wara u tani daqqa ta ponn** ... Jiena ma stajtx nirreagixxi ghax hu kien qieghed izommni".*[17] Izid li cempel lis-superjuri tieghu u gharrafhom b'dak li kien gara.

Illi **Jean Pierre Schembri** ghazel li jixhed u spjega li meta qala' xi ticket kien jappella 'online'. Irrakkonta kif kien mar il-Banif Bank jaghmel depozitu u pparkja l-vann tieghu nofs fuq yellow lines u nofs go parking bay. Kif kien il-bank ra li vann li kien pparkegjat quddiemu sejjer u hareg biex jipparkja l-vann tieghu minfloku *" u nara li l-warden qed jiehu ritratt tal-vettura tieghi u ghidtlu Sir tharriknix ha nipparkja l-vann flok dik il-vettura, dan qabad jghajat u jidghi ghidtlu isma jien bhal speci bil-kelma t-tajba qed inkellmek mhux qed inkellmek b'arroganza, nehha l-beritta qalli*

---

[12] Dok. JM3 a fol.7.
[13] Fol.51
[14] Dok. JM2 fol.6
[15] Fol.49
[16] Fol.68.
[17] Fol.67-70

*ghax jekk inti alabieb nsomma kompla jzejjinha, ....**Dan hatafni, mbuttani mall-vann**, ovvjament ghamilt daqxejn forza u hekk u mbuttani minn wicci. Imbaghad tlajt gol-vann u mort dak il-hin l-ghassa naghmel ir-rapport .... ghax hassejt li ma kinitx attitudni ta' gwardjan jirreagixxi hekk fejn jiena kont ghamilt zmien gwardjan ukoll u tghallimt li l-gwardjani suppost jedukaw lin-nies mhux iharrku n-nies*".[18] Ikompli li hu u miexi zelaq u l-gwardjan nehha l-berritta *"Zlaqt fil-bankina dak il-hin[19].... Dak il-hin qabad jidghi l-warden u qalli ghax jien alabiebi.... Qalli **ghax jekk inti ala**** jien daqshekk**".*[20] Ghalhekk anke l-istess imputat ma jsemmi xejn li hu qala' xi daqqa ta' ponn minghand il-gwardjan.

Minn dan id-diskors jidher li bilfors kien intqal xi diskors qabel mill-imputat. Jinghad ukoll li mill-*footage* minn imkien ma jidher li l-imputat zelaq u dan partikolarment mil-filmat mehud mill-camera "Street View Far Left". Anke jekk hu minnu li dan zelaq fil-bankina, ma jaghmel ebda sens li Pace jimbuttah minn wiccu jekk mhux sabiex jimbuttah lura hekk kif isir meta persuna trid tirrespingi ohra (in the act of repelling)! Fil-fatt fuq mistqosija tal-Qorti jghid li ma jafx ghaliex Pace kellu jaqbdu u jimbuttah mal-van:[21] "*Le minn quddiem, minn quddiem qabadni. Face to face.*" Izid li kien wara li gie inbuttat mal-vann tieghu stess li dan ghamel il-griehi f'wiccu u li Pace kien zammu minn idejh.[22]

Kif gja intqal u kif jidher fir-ritratti esebiti[23] il-griehi ta' Schembri kienu jikkonsistu f' abrazzjoni bejn ix-xoffa u l-hugbejn fuq in-naha tal-lemin tal-wicc. U jekk Pace kien qed izommlu idejh min fejn gew il-griehi li garrab da nil-gwardjan?

Illi gie esebit il-**Current Incident Report** redatt minn **PS552 Matthew Grech** minn fejn irrizulta li fil-hin li rcevew telefonata l-Ghassa, li kien hemm gwardjan li gie aggredit, dahal l-ghassa l-imputat biex jirraporta li hu kien ra gwardjan itieh citazzjoni u malli mar biex ikellmu gew fl-idejn. Minuti wara dahal Pace ma gwardjani ohra. Pace rraporta li hekk kif kien qed jiehu r-ritratt tal-vettura pparkjata hazin f'kantuniera hareg sid il-vettura mill-bank u saqsieh kienx ser iharrku.[24] Pace wiegbu fl-affermattiv u l-imputat saqsieh kienx *"xi naqra bezzaqlu".[25]* Dak il-hin Schembri hebb ghalih tajjarlu l-berritta, zammlu rasu taht ghabtu u beda itih bil-ponn u joffendih b'ommu w b'familtu. Tali rakkont certament zgur li aktar jaghmel sens mir-rakkont tal-imputat moghti fl-istqarrija tieghu.

---

[18] Fol.164
[19] Fol.165
[20] Fol.166
[21] Fol.166
[22] Ibid.
[23] Dok. JS u JS1 a fol. 170-171
[24] Fol.9
[25] Fol.10

Illi fl-***istqarrija*** rrilaxxata mill-imputat dan kien spjega li kien mar l-Ghassa sabiex jaghmel rapport ghall-mod li kien kellmu bih u agixxa fil-konfront tieghu l-gwardjan Pace, il-parte leza. Jichad li kien hebb ghalih u qal li ezatt kif gie magenbu kien gie f'idejh u Pace kaxxkru mal-vann fejn anke garrab girfa fuq wiccu. L-uniku sahha li ghamel kienet biex jinqala' minn mal-warden li fi kliemu hatfu u nizel rasu ma zaqqu *"U forsi ghax zlaqt go fih, jew xi haga."* Jichad li kien arroganti mal-warden, anzi jghid li kien edukat u jzid li l-warden hatfu b'idejh it-tnejn.[26] Issib diffikulta` jispjega ghaliex Pace qabdu minn qaddu jew kif spicca f'idejh ghalkemm jghid li hu zelaq fil-bankina. Qal ukoll li Pace rema' l-beritta u xi haga li kellhu f'idu u hatfu (mar ghalih).

Hawnhekk il-Qorti tqis li f'idejh Pace kellhu l-hand-held computer li kien qed juzah biex iharrek lil Schembri. Difficli jitwemmen li gwardjan li jara persuna gejja lejh u tkellmu bl-edukazzjoni – kif jghid li gara l-imputat - jaqbad u jarmi l-beritta u il-*hand held computer* gratwitament! Daqstant iehor hu difficli jitwemmen li spicca f'idejn il-gwardjan ghax zelaq fil-bankina. Jinghad mill-ewwel li mill-*footage* esebit imkien ma jidher li l-imputat zelaq.[27]

Mill-footage esebit il-Qorti rat li kien hemm pick up ipparkjat wara l-vettura tal-imputat u dan telaq wara li saret il-kollutazzjoni bejn l-imputat u Pace. Fil-fatt il-pickup kien fil-kaxxa s-safra w ix-xufier jasal fil-11:48:34 u jirkeb fih biex jispicca telaq minn fuq il-post fil-11:49:07. Issa l-gwardjan jidher jasal bil-vettura fuq il-post fil-11:39:42. L-imputat hareg b'pass mghaggel fid-direzzjoni tal-gwardjan fil-11:48:20 ghalhekk meta l-vann kien ghadu ipparkjat u mhux kif jghid hu hareg biex jitfa l-karozza minflok il-vann.

Il-griehi li soffra Pace qatt ma setghu gew kawzati kieku l-affarijiet sehhew kif jirrakonta l-imputat. Billi Pace dahhal rasu ma zaqq l-imputat (u fejn minn imkien ma jirrizulta li Schembri soffra xi ugigh kawzata minn daqqa ta' ras f'zaqqu!) zgur li wicc il-gwardjan ma kienx ser jispicca b'dawk it-tip ta' griehi; griehi li saru b'forza u ta' certu intensita`. U kieku l-gwardjan zamm lill-imputat, kif qatt seta' spicca b' "*demm maghqud fin-nostrils ... grif hafif fuq il-widna fuq il-parti ta wara tan-naha tax-xellug".* Il-fatt li soffra anke grif fuq il-widna timmilita lejn il-verzjoni li kien l-imputat li zammlu rasu taht ghabtu (kif rraporta l-Ghassa Pace minuti wara li sehhet l-aggressjoni).

Il-Qorti hi rinfaccjata minn zewg verzjonijiet. Illi l-fatt li l-Qorti ghandha quddiemha konflitt fil-provi, ma jfissirx necessarjament li l-imputat ghandu jigi liberat. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat.

---

[26]Dok. JM1 a fol. 3 et seq. Fol.4
[27] Fol.44

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appel Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker"** [19.5.1997] :-

*"It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may , . after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*[28]

Jinghad li l-verzjoni tal-imputat hi ghal kollox inverosimili u ma ghandhiex mis-sewwa, kuntrarjament ghal dik moghtija, *a tempo vergine* u sussegwentement quddiem din il-Qorti, mill-parte leza. Ir-rakkont ta' Pace hu dak li jaghti spjegazzjoni dwar kif hu kien spicca rasu ma zaqq l-imputat, b'dawk il-griehi! Ghalhekk wara li ezaminat l-atti processwali din il-Qorti sejra taghti affidabilita' lix-xhieda ta' Roderick Pace. Il-Qorti ma temminx li gara dak li jirrakonta l-imputat.

Infatti hawnhekk isib rilevanza principju iehor li huwa ben stabbilit u li jrid jiggwida lil din il-Qorti; li jirreferi ghall-fatt li xhud wiehed jekk emmnut huwa sufficjenti biex tinstab htija minghajr il-bzonn ta' korroborazzjoni. Fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet diversi drabi li "*Xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija"*[29]

Fuq dan l-insenjament u mir-rizultanzi processwali l-Qorti ma jifdalla ebda dubbju li l-imputat aggredixxa lil Pace, gwardjan lokali fl-ezekuzzjoni tal-ligi.

Illi l-prosekuzzjoni addebitat l-akkuzat primarjament bir-reati prospettati bl-artikoli 91, 95, 96 u 221 tal-Kodici Kriminali.

Illi r-reat ikkontemplat fit-tieni akkuza ma issibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina u cioe` illi bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandu x'jaqsam mal-kariga tieghu. Dana ifisser illi biex jissusisti dana ir-reat l-ufficjal pubbliku irid jigi imgieghel permezz ta' vjolenza jew ta' theddid, jaghmel jew ma jaghmilx xi haga kontra l-volonta` tieghu. Ma hemmx dubbju illi l-imputat dana ma ghamlux. Ma hemmx prova illi l-imputat kellu xi intenzjoni illi jgieghel lill-gwardjan lokali li harrku jaghmel xi haga kontra ir-rieda tieghu. Il-vjolenza inflitta mill-imputat fil-konfront ta' dan il-gwardjan ma gietx adoperata b'din l-intenzjoni izda pjuttost kienet rizultat ta' rabbja hekk kif intebah li kien gie mharrek.

---

[28] **Pulizija vs Omissis**, Appell Numru 51/2003 deciz 04/09/2009 per Imhallef Dr J Galea Debono.

[29] Ara per ezempju **Pulizija vs Antoine Cutajar** deciza 16/03/2001.

Illi dwar ir-reati taht l-artikoli 95 u 96 tal-kodici Kriminali ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace**:[30]

Ma hemmx dubbju illi uhud mill-ingredjenti mehtiega biex jinhmew iz-zewg reati huma identici. Dan ghaliex dawn ir-reati iridu necessarjament jigu kommessi fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku. Issa l-appellanti ghandu ragun meta jishaq illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

[30] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju 2016

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti.

Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Mhemmx dubbju li kien fil-hin li kienet qed tinhareg citazzjoni li Pace gie aggredit. Pace kien gwardjan lokali u ghalhekk isib applikazzjoni l-artikolu 92 tal-Kodici Kriminali:

Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif
ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Illi ghal dawn il-motivi ma hemmx dubbju illi l-fattispecje ta' dana il-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fid-dispost tal-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Qed tinstab htija ukoll fir-rigward tal-hames akkuza.

Illi l-prosekuzzjoni naqset pero` milli tipprova is-sitt imputazzjoni peress li ma jirrizultax li saret xi ngurija ai termini tal-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-akkuzat gie akkuzat ukoll bir-reat ai termini tal-artikolu 19 tal-Att dwar il-Gwardjani Lokali, Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel imputazzjoni.

Hawnhekk jirrizulta l-konkors formali ta' reati. Ghalkemm il-Kodici Kriminali taghna ma jittrattax il-konkors formali tad-delitti, il-Qrati taghna f'diversi kazi dahlu fil-fond fid-dottrina relattiva. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fid-Decizjoni Preliminari fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Vincent Debono**,[31] iccitat is-sentenza tal-Qorti Kriminali, fl-ismijiet "**Rex v. Giovanni Simler et.**" [11.03.1921 – Kollez. XXIV.iv.910] fejn dik il-Qorti rriteniet li wiehed irid joqghod attent li ma jikkonfondix:

[31] 25 ta' Jannar, 1983

"...l'esistenza di un concorso reale di delitti con la determinazione concreta della pena a cui assoggettarsi colui che ne sia reo, poichè altrimenti si correrebbe rischio di spostare la quistione dall'orbita delle responsabilità del reo in quella della applicazione della pena:...".

Kif irriteniet il-Qorti fic-citata sentenza, l-artikolu 19(h) [illum 17(h)] tal-Kodici Kriminali ghandu jigi kkunsidrat biss fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-piena fil-kaz ta' *"pluralità di lesioni unite fra esse da rapporti di mezzo a fine"*, fejn il-ligi taghna adottat is-sistema segwit fil-Kodici Penali Franciz ta' l-assorbiment, in kontraposizzjoni ta' sistemi ohra, cioè dak tal-kumulu tal-pieni li ghalihom ikunu soggetti d-diversi reati, u dik tal-kumulu guridiku, jigifieri l-kumulu materjali imma ridott.

Illi fis-sentenza msemmija, "**Rex v. Giovanni Simler et.**", wara li titkellem dwar l-insenjament ta' awturi bhal Carrara, Pessina, Roberti u Carmignani li kienu jsostnu illi *"quando più lesioni giuridiche separabili sono unite tra loro con vincolo di mezzo a fine si ha un solo reato"* il-Qorti tkompli tghid li din it-teorija llum hija kontestata minn kriminalisti bhal Impallomeni li jghallem illi jista' jaghti l-kaz li *"un delinquente con unica obiettività ideologica violi due diritti, e nonostante tra le due violazioni vi sia il rapporto di mezzo a fine, esse diano luogo a due obiettività materiali e a due obiettività giuridiche".* Tkompli l-istess sentenza, però, li lanqas ma huwa korrett jinghad li fil-kaz ta' izjed minn reat wiehed *"unite fra loro con nesso di mezzo a fine"* hemm dejjem tant reati daqs kemm hemm vjolazzjonijiet tal-ligi, ghax, jista' jaghti l-kaz li zewg lezjonijiet ikunu tant intimament konnessi *"da formare un tutt'uno in maniera che non possa compiersi l'una senza compiere l'altra",* u allura f'dan il-kaz ikollna reat uniku.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza "**Ir-Repubblika v. Leli sive Emanuel Buttigieg**" [23.03.1979] li segwiet il-principji ta' diversi decizjonijiet ohra in materja, fosthom "**Rex v. Giovanni Simler et**."., spjegat li dan jigri meta z-zewg lezjonijiet ikunu inseparabbli, b'mod li ma tistax issir wahda minghajr ma ssir l-ohra, u din l-inseparabbilità jehtieg li tkun naturali jew guridika, *"u mhux semplicement accidentali, ossija kawzata mill-kalkolu ossija l-malizja ta' l-akkuzat innifsu".*

Gie deciz ukoll li-

**"Hu ormai principju stabilit li fejn l-istess fatt , rizultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wiehed , bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali :** "Camilleri vs. Cilia et." **[2.12.1839];** "Il-Pulizija vs. Cachia" **[10.12.1939];** "Il-Pulizija vs. Pace" **[28.1.1939] u ohrajn.) ...............Illi minn dan jidher li f' dan il-kaz jista' jkun hemm lelementi kollha li trid il-gurisprudenza biex japplika lprincipju**

**tal-assorbiment meta minn fatt wiehed w uniku johorgu zewg reati w dan stante l-konkors formali ezistenti bejn iz-zewg reati li bihom gie akkuzat l-appellant."**[32]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali f' **Il-Pulizja vs Sean Sinclair Pace** li gja saret riferenza ghaliha gie deciz:[33]

"Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici Penali Taljan tal-1889:
"***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***[34]

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi, iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[35]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

***"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.***

***But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152)."...........***

---

[32] **Il-Pulizija vs Jacques Cassar**, App. Kriminali Nru. 212/2004; 6 ta' Jannar, 2005, Onor. Imhallef Joseph Galea Debono
[33] Appell Nru. 519/2015, Deciz 26.05.2016. Onor Imhallef Dr Edwina Grima.

[34] Fid-decizjoni preliminari citata, rigward is-sentenza fl-ismijiet "**Rex v. Rosaria Portelli**" [23.02.1904 – Kollez. XIX.iv.1], il-Qorti rriteniet li din ma tistax jinghata piz preponderanti, sija in vista tal-konkluzjonijiet ohra li waslu ghalihom il-Qrati taghna f'decizjonijiet sussegwenti, u sija, principalment, ghax ir-*ratio decidendi* f'dik is-sentenza kien ispirat u koncentrat l-aktar fuq il-kwistjoni tan-*ne bis in idem.*
[35] **Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et** – App.Inf. 20/09/2012

Kif gie deciz b'analogija mal-att ta' l-akkuza:

"**Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. ... Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati.**"[36].

Dan ifisser allura illi l-akkuzi kif postulati ma humiex alternattivi ghal xulxin billi l-istess att doluz wassal ghal kummissjoni tad-diversi reati kemm dawk kontravvenzjonali kif ukoll dak ta'l-offiza hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli Cilia u aktar tard gewwa l-ghassa tal-pulizija fil-konfront tas-surgent Christopher Ellul. Kwindi stabbilit illi l-fatti doluzi kienu kollha iwasslu ghal kummissjoni tar-reati li bihom l-appellanti gie akkuzat, u stabbillit ukoll illi f'dan il-kaz kellu jirrizulta l-konkors formali tar-reati li gew addebitati lill-appellanti, huwa kellu jinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.".

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset dak li gie ddeterminat fis-Social Inquiry Report, kkunsidrat li ma jirrizultax li l-imputat rega' xellef dufrejh mal-ligi, tkkunsidrat ukoll il-fedina penali tieghu li ma tohloq ebda preokkupazzjoni u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 92, 96(a)[37] u 221 tal-Kodici Kriminali u tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel, ir-raba, l-hames u s-seba' imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament, u tikkundannah ghal piena ta' seba xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn millum.

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega dwar *anger management*.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta' Trattament.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[36] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi** – 11/01/1994 App.Sup

[37] Qabel l-emendi introdotti bl-Att V tal-2014 il-piena taht dan l-artikolu kienet ta' bejn 4 xhur u sena prigunerija.